# STATUT

---

## JUVENTUS CLUB VERO AMORE (MALTA 1975)

# STATUT

**1. Isem**

Il-Club għandu jkun uffiċjalment magħruf bħala Juventus Club Vero Amore (Malta 1975).

**2. Indirizz postali**

Il-Club għandu jidentifika ruħu bl-indirizz fejn ikollu s-sede. Madankollu jista` jagħmel użu minn kaxxa fil-Posta ta` Malta għal kull forma ta` korrispondenza.

**3. Għanijiet tal-Club**

a) L-għan prinċipali tal-Club għandu jkun li jitkabbar l-isem tal-Juventus F.C. u li jiġi nkoraġġit l-appoġġ għall-istess Club fil-gżejjer Maltin u anki barra.
b) Għandu jkun ukoll l-għan tal-Club li jitkattar spirtu ta` ħbiberija, kollaborazzjoni u solidarjetà bejn l-isportivi kemm Maltin kif ukoll barranin.
c) Għandu jirrapreżenta l-interessi kollha tal-membri effettivi ta` dawn il-gżejjer kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.
d) L-ilsien Malti għandu jkun l-ilsien uffiċjali tal-Club minbarra f'każ ta` korrispondenza għal barra minn Malta.
e) Qliegħ personali in konnessjoni ma' ħidmet il-membri fil-Club huwa projbit u dan jgħodd kemm għall-Uffiċjali tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll għas-soċi l-oħra.
f) Il-Club ma għandu jkun marbut ma` l-ebda għaqda reliġjuża jew politika, iżda jista` jkollu rabtiet oħra kif jiddeċiedi l-Kumitat Eżekuttiv.

**4. Kumitat Eżekuttiv**

a) Il-Club għandu jkun immexxi minn Kumitat Eżekuttiv elett kull sentejn f'Laqgħa Ġenerali skond ir-regolamenti ta' dan l-Istatut. L-għadd ta' membri fil-Kumitat Eżekuttiv ghandu jkun dejjem bil-fart.
b) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jikkonsisti minn dawn il-kariġi li ġejjin: President, Viċi President, Segretarju, Assistent Segretarju, Teżorier, Assistent Teżorier, Segretarju Internazzjonali, Uffiċjal Tesseramenti, Direttur tal-Club, PRO u numru ta' membri li jmur minn minimu ta' tlieta (3) sa massimu ta' ħamsa (5). In-numru ta' membri għandu jiġi deċiż f'Laqgħa Ġenerali Annwali u ma għandu qatt imur kontra paragafu (a) ta' dan l-artiklu.

**5. Laqgħa Generali Annwali**

a) L-awtorità suprema tal-Club għandna tkun il-Laqgħa Ġenerali Annwali, li għandha tinżamm kull sena bejn l-1 ta` Settembru u l-31 ta` Ottubru. Dawk il-membri biss li jkunu in regola mal-ħlas ta' sħubija fil-Club sal-Laqgħa Ġenerali Annwali jkollhom id-dritt li jivvutaw fl-istess Laqgħa. A skans ta' kull ekwivoku, jiġi ċċarat illi dawk il-membri li sad-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali ma jkunux għalqu l-eta' ta' sittax-il sena ma jkunux eleġibbli (mhux intitolati) li jivvutaw.
b) Il-Laqgħat Ġenerali kollha għandhom jinżammu taħt it-tmexxija tal-President jew, jekk dan ikun nieqes, tal-Viċi President. Fl-eventwalita' li anki l-Viċi President ikun nieqes il-laqgħa titmexxa minn wieħed mill-President Onorarji jekk ikun preżenti. Jekk lanqas dan ma jkun preżenti, il-Laqgħa Ġenerali titmexxa minn persuna oħra li tingħażel minn fost il-membri preżenti u li ma tkunx se tikkontesta xi elezzjoni li tkun se ssir f'dik il-Laqgħa.
c) Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali għandu jiġi trattat dan li ġej:
    1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali li tkun saret l-aħħar.
    2. Indirizz mill-President
    3. Ħatra ta` tlieta mill-membri fost dawk preżenti biex jiffurmaw kummissjoni li tmexxi l-elezzjoni għall-membri għall-Kumitat Eżekuttiv
    4. Rapport Amministrattiv mis-Segretarju
    5. Rapport Finanzjarju mit-Teżorier iċċertifikat mill-Awdituri.
    6. Emendi fl-Istatut u fir-Regolamenti
    7. Elezzjoni ta` Uffiċjali fuq il-Kumitat Eżekuttiv
    8. Ħatra ta` tliet Awdituri għas-sena li jkun imiss
    9. Ħatra jew konferma ta' Presidenti Onorarji
    10. Xogħol ieħor li jista` jinqala`

**6. Laqgħat Ġenerali Oħra**

a) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja jekk jintalab bil-miktub jagħmel jekk minn mhux anqas minn terz tan-numru tal-membri in regola mal-ħlas tas-sħubija. L-iskop ta` Laqgħa bħal din għandu jkun dikjarat fit-talba. Fil-fuq imsemmija Laqgħat, id-dritt tal-vot tal-membri jkun regolat a termini ta' l-Artiklu 5, Sub Artiklu (a).
b) Il-Kumitat Eżekuttiv jista` jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja kull meta jidhirlu li jkun hemm bżonn.
c) Il-Quorum fil-Laqgħat Ġenerali kollha, inkluża l-Laqgħa Ġenerali Annwali, ma jistax ikun anqas minn terz tas-sħubija totali fil-Club fil-mument li tissejjah il-Laqgħa. Jekk fil-ħin stabbilit ma jkunx hemm quorum, il-laqgħa tibda nofs siegħa wara l-ħin stabbilit bil-membri preżenti.

**7. Sħubija fil-Club**

a) Is-sħubija fil-Club għandha tkun miftuħa kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin.
b) Persuna tista` tidħol membru fil-Club wara li tkun talbet formola tad-dħul lil wieħed mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv.
c) Persuna tista' tidħol membru fil-Club billi timla bid-dettalji kollha meħtieġa formola uffiċjali ta' sħubija maħruġa mill-Kumitat Eżekuttiv.
d) Il-Kumitat Eżekuttiv jirriserva d-dritt li jissospendi s-sħubija fil-Club ta' xi membru li jonqos li josserva ruħu mar-regolamenti tal-Club. Fil-każli membru konċernat, wara li jingħata żmien biex jirregolarizza ruħu mar-regoli tal-Club jonqos milli jagħmel hekk, il-Kumitat Eżekuttiv ikollu dritt li jressaq quddiem il-Laqgħa Ġenerali Annwali mozzjoni għat-tkeċċija ta' l-istess membru. Membru mkeċċi ma jistax sussegwentement jerġa' jsir membru fil-Club mingħajr l-approvazzjoni, permezz ta' mozzjoni f'dan is-sena approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.
e) Jistgħu jkunu soċji onorarji dawk il-persuni li minn żmien għal żmien il-Kumitat Eżekuttiv jinnomina bħala tali għal xi benefiċċju li jkunu għamlu favur il-Club jew għal xi raġuni oħra.

**8. Ħlas ta` Sħubija**

a) Il-ħlas annwali għas-sħubija għandu jkun a diskrezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.
b) Il-ħlas għandu jkopri l-perjodu li jidba mill-1 ta` Settembru u jintemma fil-31 ta` Awissu tas-sena ta` wara.
c) Ħlas tas-sħubija għal nies li joqogħdu barra mill-ġżejjer Maltin jiġi kkalkulat skond l-ispejjeż ta` pustaġġ involuti.

**9. Tesseri ta` Sħubija**

Kull membru għandu jingħata tessera ta` sħubija fil-Club.

**10. Irtirar tat-Tessera**

It-tessera ta` membru tal-Club tiġi rtirata:

a) meta membru jirreżenja, u f'dan il-każ ir-reżenja għandha ssir bil-miktub u ndirizzata lis-Segretarju li mbagħad jinforma lill-Kumitat Eżekuttiv.
b) meta membru jonqos milli jġedded il-ħlas tas-sħubija; jew
c) meta membru jiġi mkeċċi jew sospiż.

**11. Sena Finanzjarja**

Is-sena finanzjarja tal-Club tibda fil-1 ta' Settembru u tintemm fil-31 ta' Awissu tas-sena ta' wara.

**12. Awdituri**

Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali għandhom jinħatru tliet Awdituri minn fost il-membri in regola mal-ħlas tas-sħubija biex jeżaminaw il-kotba tal-Club kull meta jidrilhom waqt il-perjodu tal-ħatra tagħhom. Il-firma ta` tnejn mill-Awdituri tkun kull darba biżżejjed biex tiċċertifika l-kotba bħala korretti.

**13. Akkwisti**

a) Oggetti mogħtija lill-Club jew mirbuħa minnu, jsiru propjeta` tal-Club.
b) Ma tistgħax tingħata jew tissellef propjeta` tal-Club jekk mhux bl-approvazzjoni tal-Kumitat.

**14. Xoljiment tal-Club**

Fl-eventwalita' li xi darba l-club ixolji, għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja u wara li jitħallsu l-kredituri u jinġabru l-flus mingħand id-debituri, il-kumplament ta' l-assi li jkun jippossiedi l-club fil-mument tax-xoljiment jingħataw lil xi Istitut tal-Karita jew xi Istituzzjoni li jkollha skopijiet filantropiċi skond kif tiddeċiedi l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

**15. Interpretazzjoni ta` l-Istatut u tar-Regolamenti**

a) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu s-setgħa li jinterpreta l-Istatut u r-Regolamenti, u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv huma finali u b'irbit fuq il-membri kollha.
b) L-ebda parti ta` l-Istatut u tar-Regolamenti ma tinbidel ħlief b'maġġoranza ta` sittin fil-mija (60%) u wieħed tal-voti tal-membri preżenti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali jew f'xi Laqgħa Ġenerali Straordinarja.
c) Kull tibdil fl-istatut u fir-regolamenti tal-Club approvat mill-Laqgħa Ġenerali għandu jidħol fis-seħħ b'mod immedjat u kull tibdil għandu jiġi kkomunikat lill-membri kollha fi żmien xahar minn meta jkunu approvati.
d) Kopja ta` l-Istatut u tar-Regolamenti, b'bidliet li jkunu jistgħu minn żmien għżal żmien isiru, tintbagħat lil kull membru effettiv.

---

# REGOLAMENTI

---

## A. Nominazzjonijet għall-Elezzjoni ta` Membri għall-Kumitat Eżekuttiv – *Laqgħat Ġenerali Annwali u Laqgħat Ġenerali oħra*

1. a) Is-Segretarju għandu jagħmel sejħa għal nominazzjoni għall-membri għal fuq il-Kumitat Eżekuttiv, kif ukoll għall-emendi għall-Istatut u għar-Regolamenti, mill-anqas erba` (4) gimgħat qabel id-data ffissata għal-Laqgħa Ġenerali Annwali.

b) Jistgħu jikkontestaw l-elezzjoni għal kariga jew membru fil-Kunsill Eżekuttiv tal-club dawk il-membri biss li jkunu in regola mal-ħlas ta' sħubija u li jkunu membri effettivi fil-club ta' mhux inqas minn tliet xhur mid-data li jagħlu l-applikazzjonijiet tal-kontestanti għall-elezzjoni skond id-dispożizzjoni taċ-ċirkulari dwar il-Laqgħa Ġenerali. F'kull elezzjoni, membru jkun jista' jikkontesta għall-kariga waħda biss. F'kull każ iżda, il-kontestant għall-kariga jista' jikkontesta ukoll għall-post bħala membru fil-Kumitat Eżekuttiv. A skans ta' kull ekwivoku, jiġi ċċarat illi dawk il-membri li sad-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali ma jkunux għalqu l-eta' ta' sittax-il sena, ma jkunux eleġibbli (intitolati) li jikkontestaw għall-ebda kariga.

c) In-nominazzjonijiet u/jew l-emendi għandhom jaslu għand is-Segretarju, regolarment issekondati, sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn (2) qabel id-data ffissata għal-Laqgħa Ġenerali Annwali.

d) Is-Segretarju għandu ssuseġwentement jesponi fin-Noticeboard tal-Club lista tal-ismijiet u r-ritratti ta' dawk kollha li jkunu se jikkontestaw l-elezzjoni. L-istess jgħodd għall-emendi u mozzjonijiet kollha mressqa. Il-lista tal-kandidati flimkien mal-emendi u l-mozzjonijiet imressqa għandha tiġi wkoll ippubblikata fil-website tal-Club sabiex il-membri jkunu jistgħu jikkonsultawhom'

2 a) L-elezzjoni għal membri fuq il-Kumitat Eżekuttiv għandha titmexxa minn Kummissjoni ta` tliet (3) persuni li ma jkunux se jikkontestaw l-elezzjoni. Wieħed mill-Presidenti Onorarji, jekk preżenti, għandu jkun iċ-Chairman ta` din il-Kummissjoni.

b) Il-kariġi ta` President, Segretarju u Teżorier jiġu kontestati fil-Laqgħa Ġenerali Annwali f'votazzjoni speċifika għal dawn it-tliet kariġi.

c) Il-votazzjoni ssir billi dawk li jkunu se jikkontestaw l-elezzjoni jitniżżel kunjomhom u isimhom fuq il-board f'ordni alfabetika. Kull membru jingħata l-karta tal-vot li trid tkun iffirmata mic-Chairman tal-Kummissjoni li tkun qed tmexxi l-elezzjoni u li jrid ikun fiha t-timbru tal-Club.

d) In-numru ta' kontestanti kif stipulat fl-artiklu 4 ta' l-istatut li jiġu eletti fuq il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn dawk il-kontestanti li jġibu l-oghla numru ta' voti. Jekk tnejn jew aktar kontestanti jġibu l-istess total ta' voti, issir immedjatament by-election biex jiġu eletti jew elett il-kontestanti jew kontestant biex jimtela jew jimtlew il-postijiet vakanti fil-Kunsill Eżekuttiv.

e) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun finali.

3. Kull membru tal-Kumitat Eżekuttiv li jkun biħsiebu li jirriżenja mill-Kumitat Eżekuttiv għandu jagħmel dan bil-miktub, f'liema każ l-ittra għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju li min-naħa tiegħu jinforma biha immedjatament lill-President.

4 a) Kull vakanza li tista` tinħoloq fost il-membri eletti fuq il-Kumitat Eżekuttiv għandha timtela mill-membru li jkun kiseb l-ogħla numru ta` voti wara l-membri eletti fl-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali

b) Dan ma jgħoddx għall-karigi ta' President, Segretarju u Teżorier. F'każ ta' vakanza f'waħda minn dawn il-kariġi din għandha timtela, wara talba għan-nominazzjonijiet minn membri in regoli mal-ħlas ta' sħubija, b'votazzjoni waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja msejħa apposta mhux aktar tard minn xahar wara li tinħoloq il-vakanza.

c) F'każ li għal xi raġuni ma jkunx jista` jitħaddem is-sub-artiklu (a) ta` dan l-artiklu, għandha tissejjaħ elezzjoni biex jintgħażel is-sostitut. Din l-elezzjoni għandha tkun regolata mill-kundizzjonijiet li jorbtu l-Laqgħat Ġenerali.

d) F'każ li l-vakanza tibqa` ma timteliex, ikun id-dritt tal-Kumitat Eżekuttiv li jaħtar persuna minn fost il-membri in regola mal-ħlas ta` sħubija biex iservi fuq il-Kumitat għall-kumplament tas-sena konċernata.

5. Il-Kumitat Ezekuttiv jkollu s-setgha li jneħħi persuna li tfalli tliet laqgħat konsekuttivi mingħajr ġustifikazzjoni. Is-Segretarju Ġenerali għandu jinforma bil-miktub lill-persuna konċernata rigward il-ksur ta' dan l-artiklu u min-naħa tiegħu l-persuna konċernata għandha żmien ġimgħa mid-data tal-ittra tan-notifikazzjoni biex tirrispondi għal dan in-nuqqas. Il-Kumitat jkollu dritt jaċċetta jew jirrifjuta r-raġuni mogħtija.

6. Kull membru tal-Kumitat Eżekuttiv jista' jitneħħamill-karig tiegħu bil-voti ta' mill-inqas żewġ terzi 2/3 tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv. Dan ovvament ma jgħoddx għall-karigi ta' President, Segretarju u Teżorier, liema karigi jistgħu jitneħħw biss minn Laqgħa Ġenerali.

7. Kull persuna li sservi fil-Kumitat Eżekuttiv għandha tevita kull sitwazzjoni ta' konflitt ta' interess.

8. Ebda membru ma jista` jieħu azzjoni indipendenti fuq kwistjoni tal-Club mingħajr l-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

9. L-ebda membru fil-Club m'għandu d-dritt jieħu sehem jew jipparteċipa f'fora u diskussjonijiet fuq il-mezzi tax-xandir jew jikteb fil-ġurnal f'isem il-Club mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv. Passi dixxiplinari jistgħu jittieħdu mill-Kumitat Eżekuttiv kontra membri li jmorru kontra dan ir-regolament.

10. Membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiksbu l-awtorizzazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv qabel ma jieħdu sehem jew jiappparteċipaw f'fora u diskussjonijiet fuq il-media tax-xandir jew jiktbu f'gurnali f'isem il-Club. F'każi urġenti, il-membru tal-Kumitat Eżekuttiv jista' jieħu sehem f'isem il-Club wara li jkun ikkunsulta mal-President jew mas-Segretarju Ġenerali.

## B. Proċeduri u doveri

1 a) Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa` mill-anqas darba fix-xahar. Is-Segretarju għandu jħejji agenda għal kull laqgħa. Din, kif approvata mill-President, għandha tintbagħat lill-membri kollha flimkien ma` informazzjoni dwar id-data, il-ħin u l-post imħejjija għal-laqgħa.

b) Il-minuti għandhom jiġu sottomessi mis-Segretarju għall-approvazzjoni f'laqgħa sussegwenti u ffirmati mill-President u mis-Segretarju bħala korretti.

2 a) Il-quorum f'kull laqgħa jkun jikkonsisti f'nofs in-numru ta` uffiċjali u wieħed.

b) Jekk sa nofs siegħa mill-ħin iffissat għal xi raġuni ma jkunx hemm quorum, il-laqgħa għandha tiġi postposta sine die.

3 Il-President għandu jippresjedi fil-laqgħat tal-Kumitat. Fl-assenza tiegħu, il-laqgħat jitmexxew mill-Viċi-President. Jekk dan ukoll ma jkunx preżenti, uffiċjal ieħor tal-Kumitat Eżekuttiv jiġi delegat imexxi għan-nom tal-President. Il-President għandu jiffirma l-minuti fil-bidu ta` kull laqgħa, jara li l-agenda tiġi osservata, u jizgura d-dixxiplina u l-ordni waqt il-laqgħat. Dawn id-doveri kollha għandhom japplikaw ukoll fil-każ tal-Laqgħat Ġenerali.

4 Is-Segretarju għandu jkun responsabbli għall-korrispondenza kollha kif ukoll għall-organizzazzjoni ġenerali, u flimkien mal-President, għat-tmexxija tal-Club. Għandu jiżgura li l-minuti, kompleti u korretti, tal-laqgħat kollha tal-Club jiġu rrekordjati. Is-segretarju jkollu s-setgħa li jsejjaħ, wara konsultazzjoni mal-President, laqgħat tal-kumitat u Laqgħhat Ġenerali. Is-Segretarju jkun responsabbli għad-dokumenti, formolati, films, diski, kotba u ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Club. Għandu ukoll jifforma parti, dejjem bħala segretarju ta` kull sotto-kumitat, board jew kummissjoni maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv, iżda jista` jiddelega lil xi membru ieħor tal-Kumitat Eżekuttiv, biex jaqdi din il-funzjoni floku. Is-Segretarju għandu jħejji ta` kull sena rapport amministrattiv li huwa għandu jippreżenta fil-Laqgħat Ġenerali Annwali.

5 It-Teżorier għadu jkun responsabbli għall-finanzi tal-Club. Huwa għandu jżomm record tat-transazzjonijiet kollha finanzjarji tal-Club fil-kotba tal-kontijiet rispettiva u jħejji u jippreżenta rapport tal-kontijiet kollha lill-Kumitat Eżekuttiv mill-inqas darba fix-xahar. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu sottomessi għall-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv u ffirmati mill-President. It-Teżorier ma jistax jiddisponi mill-finanzi tal-Club li jeċċedu Lm 200 fix-xahar mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kumitat Eżekuttiv. It-Teżorier għandu jżomm inventarju aġġornat tal-Club u għandu jħejji rapport finanzjarju li għandu jippreżenta fil-Laqgħa Ġenerali Annwali. Kull dokument finanzjarju li jappartjeni lill-Club għandu jinżamm fil-Club taħt il-ħarsien responsabbli tat-Teżorier. It-Teżorier għandu jara li għall-ebda raġuni, l-ebda dokument finanzjarju m'għandu jinħareġ mill-Club ħlief f'każi urġenti jew indispensabbli u dan isir biss bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv.

6 Il-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv jistgħu jiġu ddelegati li jżommu ħatriet jew jagħmlu xogħol kif jista` jiġi minn żmien għal żmien mill-Kumitat Eżekuttiv.

7 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu minn żmien għal żmien jaħtar Board Editorjali minn fost il-membri li jkunu in regola fil-ħlas tas-sħubija biex iservu fil-ħruġ ta` kwalunkwe materjal stampat.

8 Il-Kumitat Eżekuttiv, bl-approvazzjoni tas-soċi, għandu d-dritt jaħtar Presidenti Onorarji. Dawn, li jistgħu jkunu kemm Maltin kif ukoll barranin, il-Kumitat Eżekuttiv jaħtarhom jekk jidhirlu li l-ħatra tagħhom tista` tgħin lill-Club. Il-persuni li jkunu jokkupaw dawn il-postijiet jistgħu jattendu fi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv iżda ma jkollhomx dritt jivvutaw.

9 Il-Kumitat Eżekuttiv jirriserva d-dritt li jaħtar rappreżentant tal-Club barra minn Malta, jekk il-Kumitat Eżekuttiv jidhirlu li ħatra bħal din tista` tgħin fit-tmexxija tal-Club. Il-persuni li jkunu jokkupaw dawn il-postijiet jistgħu jattendu fi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat, iżda ma jkollhomx id-dritt li jivvutaw.

10 Il-Kumitat Eżekuttiv jista` minn żmien għal żmien jaħtar minn fost il-membri effettivi tal-Club sotto-kumitati għal skopijiet speċjali. Il-ħatra ta` dawn is-sotto-kumitati tintemm hekk kif il-Kumitat Eżekuttiv jidhirlu li x-xogħol tagħhom huwa kompjut, jew hekk kif il-Kumitat Eżekuttiv jirreżenja fil-Laqgħa Ġenerali Annwali, liema minn dawn tiġi l-ewwel.

11 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jeżercita s-setgħat amministrattivi u eżekuttivi, mogħtija lilu mill-Istatut u mir-Regolamenti, u setgħat oħra ta` tmexxija li l-Kumitat Eżekuttiv jista` minn żmien għal żmien iqis neċessarji, sakemm dawn is-setgħat ma jmorrux kontra l-ispirtu ta` l-Istatut u tar-Regolamenti. Il-Kumitat Eżekuttiv ikollu s-setgħa li jirrifjuta applikazzjonijiet jew tiġdid għal sħubija fil-Club kif ukoll li jkeċċi mill-Club membri li l-Kumitat Eżekuttiv jidhirlu, wara nvestigazzjoni xierqa, li huma ta` detriment għall-Club.

12 Ebda membru mill-Kumitat Eżekuttiv ma jista` jieħu azzjoni indipendenti fuq kwistjoni tal-Club mingħajr l-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

13 F'kull ċirkostanza jrid ikun hemm dejjem il-firem ta' tnejn mit-tliet firmatarji li huma l-President, is-Segretarju u t-Teżorier.

14 Spejjeż li l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv jagħmlu in konnessjoni mal-qadi ta` dmirijiethom għandhom jitħallsu mill-Club, basta bl-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv. L-ebda membru tal-Kumitat Eżekuttiv u l-ebda membru ma jista` jirċievi ħlas għal xogħol li jagħmel b'risq il-Club.

15 Il-votazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat u f'Laqgħat ohra għandha ssir bil-miftuħ; għandu iżda jittieħed vot sigriet jekk ikun hemm talba għal dan minn almenu persuna waħda. Il-President ma jieħux parti fil-votazzjoni, la fil-laqgħat tal-Kumitat u lanqas f'Laqgħat oħra, iżda f'każ ta` parità ta` voti, il-President ikollu l-'casting vote'.

16 Għall-ebda raġuni ma jista' jiddaħħal fil-premises tal-Club logħob tan-nar ta' kwalunkwe forma, daqs u kwalita' mingħajr il-permess tal-pulizija. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jieħu passi dixxiplinari kontra min idaħħal logħob tan-nar fil-Club kif wkoll jirrapporta lill-Pulizija lil dawk il-persuni li jmorru kontra dan l-Artiklu.

17 Laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv ikollha d-dritt li tirrevoka jew timmodifika deċiżjonijiet meħuda f'laqgħat tal-Kumitat li nkunu nżammu qabel, basta dan it-tibdil ikun konformi ma` l-Istatut u mar-Regolamenti.

---

## TMIEM

---

**Statut tal-Juventus Club Vero Amore (Malta 1975) kif emendat waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru 2008.**